MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 51/2012

**Anthony Bezzina**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Anthony Bezzina tat-2 ta' Lulju 2012 li jghid hekk:
Illi l-esponent tressaq il-Qorti akkuzat talli fil-21 t'Awwissu 2001 u fix-xhur ta' qabel u dawk ta' wara, ikkommetta r-reat ta' frodi.

Illi fuq ammissjoni tieghu stesss, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta'

Dicembru 2008, kkundannatu piena ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin.

Illi gie applikat l-artikolu 28H(a) tal-Kodici Kriminali u l-esponent kellu jhallas is-somma ta' Lm3,690 lis-socjeta Falzon Company Ltd u s-somma ta' Lm2,790.90 lis-socjeta Master Electric Company Ltd.

Illi fil-25 t'Awwissu 2009 gie pprezentat rikors fit-termini tal-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-Qorti giet infurmata li l-esponent ma kienx aderixxa ruhu mas-sentenza tat-18 ta' Dicembru 2008.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Ottubru 2011, ordnat lis-sentenza sospiza tibda sssehh.

Illi huwa interpona appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali.

Illi l-esponent kellu s-smigh tal-appell tieghu fit-23 ta' Mejju 2012.

Illi l-esponent attenda l-Qorti kmieni filghodu u qaghad jistenna lil-avukat tieghu isfel ghaliex huwa ghandu problema ta' mobilita. Ir-raguni ghal dan hi li huwa kellu incident fejn baqa’ b'dizabilita permanenti. Anke minhabba f'dan, l-esponent lanqas ma mar ghand l-avukat ta' fiducja tieghu Dr Jose' A. Herrera, fil-jiem ta’ qabel, proprju minhabba li meta jidhol il-Belt, huwa jsibha difficli li jimxi bil-krozzi.

Illi fuq id-dokumenti li rcieva id-dar, huwa ma kellux indikat min hu l-imhallef li qieghed jippresjedi l-appell tieghu.

Illi l-esponent pprova jcempel lil-avukat izda ma rnexxilux jikkuntattjah.

Illi l-esponent haseb li kien hemm xi zball u telaq lejn id-dar, anke minhabba li kien mugugh hafna.

Illi dakinhar tat-23 ta' Mejju 2012, l-appell tal-esponent kien intbaghat dezert.

Illi fit-28 ta' Mejju 2012, il-Qorti tal-Appelli Kriminali kkonfermat s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta' Ottubru 2011, u ghalhekk, li s-sentejn prigunerija li kien ikkundannat fit-18 ta' Dicembru 2008, liema perjodu kien sospiz b'erba' snin, kellu jibda jsehh.

Illi l-esponent sar jaf bis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-28 ta' Mejju, fil-5 ta' Gunju 2012.

Illi l-esponent intavola rikos fejn talab lill-Qorti tirriappunta l-appell tieghu, liema rikors gie michud u dan proprju minhabba dak li jghid l-artikolu 422(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponent ihoss li l-artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem stante li jilledilu d-dritt ghal smigh xieraq.

Illi l-esponent jilmenta li ghad li hu minnu li d-drittijiet ta' smigh xieraq ma jinkludux fih d-dritt ta' appell, madanakollu jekk il-qafas legali tal-istat jaghtu tali dritt, allura l-istess principji palezi ghal-smigh xieraq japplikaw mutatis mutandis ghall-appell. F'dan ir-rigward ara Raymond Caruana -vs- L-Avukat Generali referenza numru 36/2003/1 deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta’ Novembru 2004.

Illi f'din il-kawza inter alia gie affermat bhala principju fundamentali u sagrosant fid-dritt ghal smiegh xieraq l-element ta' audi alteram partem.

Illi f'dik il-kawza, appuntu l-appell gie dikjarat null, peress li r-rikorrent ma nghatax il-fakolta li jinstema'.

Illi appuntu d-dispozizzjoni tal-ligi citata hija leziva tad-drittijiet fundamentali tal-esponent u tmur kontra d-dispost tal-artikou 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni, peress li taghti lok ghal cirkostanzi fejn l-appell tal-individwu jigi dikjarat

desert minghajr mal-esponent jinghata l-fakolta jressaq is-sottomissjonijiet tieghu sabiex jiggustifika n-nuqqas tieghu.

Illi fil-kaz in dizamina appuntu l-esponent kellu ragunijiet validi xi jressaq sabiex jiggustifika n-nuqqas tieghu pero naturalment minhabba l-predispost tal-artikolu sucitat huwa gie nnegat tali dritt.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

l. Tiddikjara l-artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali bhala ultra vires l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u konsegwentement ghandu jigi dikjarat bhala null,

2. Tannulla d-digriet tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tat-23 fejn iddikjarat l-appell dezert u s-sentenza konsegwenzjali tat-28,

3. Terga' tirrintegra lil-esponent fl-istatus quo ante sabiex jigi trattat mill-gdid l-appell tieghu.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li tghid hekk:
Ili fil-kawza odjerna r-rikorrent qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex (i) tiddikjara li l-artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali huwa ultra vires l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement ghandu jigi dikjarat null; u oltre dan (ii) ghandu jigi annullat id-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta’ Mejju 2012 u s-sentenza tat-28 ta’ Mejju 2012 u li (iii) ghandu jigi ri-integrat fl-istatus quo ante sabiex jigi trattat mill-gdid l-appell tieghu.

Illi esponent jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent bhaIa nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Dwar iI-fatti

Illi fl-ewwel lok, minn verifika li ghamel l-esponent fl-atti tal-proceduri in kwistjoni Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Anthony Bezzina rrizultalu s-segwenti:

Illi a skans ta' ripetizzjoni, l-ewwel sitt paragrafi tar-rikors promotur m'humhiex qed jigu kontestati bhala fatti.

Illi l-appell tar-rikorrent gie appuntat ghas-smigh ghad-9 ta' Mejju 2012 pero s-smigh gie differit peress li l-appellant ma kienx gie notifikat bl-avviz ta' smigh.

Illi l-appell gie differit ghat-23 ta' Mejju 2012 fid-9.00am u l-appellant gie personalment notifikat bl-avviz tas-smigh fil-15 ta' Mejju 2012.

Illi kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tat-23 ta' Mejju 2012, l-appellant debitament imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx u billi l-Qorti rrizultalha li l-appellant kien gie debitament notifikat, hija rat l-artikolu 421 tal-Kap 9 u ddikjarat l-appell dezert.

Illi fit-28 ta' Mejju l-Qorti tal-Appell Kriminali in vista tad-dezerzjoni tal-appell ikkonfermat l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistati u ghalhekk il-perjodu ta' sentejn prigunerija kellu jigi fis-sehh,

Illi permezz ta' rikors datat 8 ta' Gunju 2012 ir-rikorrent odjern informa lil Qorti tal-Appell Kriminali li tlett ijiem qabel, u cioe fil-5 ta' Gunju 2012 huwa kien sar jaf li s-sentenza tieghu ta' quddiern il-Qorti tal-Magistrati kienet giet konfermata u talab lill-istess Qorti sabiex tirriappunta l-appell intavolat minnu.

Illi b'digriet datat 11 ta' Gunju 2012 il-Qorti tal-Appell Kriminali rat is-subartikolu 1 tal-artikolu 422 tal-Kap. 9 li jghid li biex il-Qorti taghti jum iehor ghas-smigh tal-appell wara li l-appell jinghadd dezert, ghandha ssir talba b'rikors fi zmien erbat ijiem mill-jum tas-smigh tal-appell. Il-Qorti nnutat izda li r-rikors tal-appellant gie pprezentat sittax-il gurnata wara u ghalhekk iddikjaratu fuori termine u cahdet it-talba.

Dwar l-artikolu 422 tal-Kap. 9

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrent qieghed jattakka s-subartikolu 1 ta' dan l-artikolu:

"Jekk, f'jum tas-smigh tal-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tieghu jinghadd dezert u s-sentenza appellata tigi esegwita; imma fuq rikors tal-appellant, ipprezentati fi zmien erbat ijiem mill-gurnatia fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni mahlufa mill-istess appellant quddiem ir-registratur li, minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volonta tieghu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-gurnata fuq imsemmija, il-qorti taghti gurnata ohra ghas-smigh tal-appell, u, f'dan il-kaz, ighoddu d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) tal-ahhar artikolu qabel dan."

Illi minn qari ta' dan l-artikolu ghandu jirrizulta li ghalkemm il-legislatur ipprovda ghad-dezerzjoni bhala konsegwenza ghal min ma jidhirx ghas-smigh tal-appell tieghu, pero din il-mizura mhijiex wahda assoluta u arbitrarja stante li mbaghad jakkorda terminu ragjonevoli ta' erbat ijiem sabiex persuna li tkun naqset li tidher tista' tiggustifika n-nuqqas ta' prezenza taghha u ghalhekk tinghata opportunita ohra sabiex l-appell taghha jinstema'.

Illi fid-dawl tas-suespost l-artikolu 422(1) tal-Kap. 9 ma jilledix id-drittijet fundamentali tar-rikorrent ghar-ragunijiet segwenti:

Ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea

Illi kuntrarjamant ghal dak allegat mir-rikorrent l-artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali huwa pjenament konformi mal-protezzjoni garantita mill-artikoli surreferiti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea stante li jirrispetta mhux biss principju ta' access ghall-Qorti ghax jipprovdi opportunita ohra ta' smigh t'appell lill-appellant li l-appell tieghu ikun gie dikjarat dezert imma wkoll jirrispetta principju ta' smigh xieraq inkluz dak tal-audi alteram partem ghax f'terminu ragjonevoli ta' erbat ijiem jakkordalu d-dritt li jsemma'

lehnu billi jiggustifika r-raguni ghan-nuqqas ta' dehra tieghu fl-udjenza bir-rizultat li huwa jinghata jum iehor ghas-smigh tal-appell tieghu.

Illi ghalhekk l-artikolu 422 (1) b'ebda mod ma jista' jitqies li huwa xi forma ta' giljottina fuq ras l-appellant u hija nkoncepibbli l-allegazzjoni li l-ligi nfisha, bil-mod kif inhi formulata tista' remotament tkun leziva ta' drittijiet fundamentali.

Illi inoltre fil-kaz odjern is-sekwenza tal-fatti kif zviluppaw mhumhiex rizultat ta' ksur ta' drittijiet fundamentali mill-ligi in skrutinju, izda rizultat dirett tat-traskuragni u n-nuqqasjiet lampanti tar-rikorrent kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Fil-fatt anke jekk ghal grazzja tal-argument kellhom jigu accettati minn din l-Onorabbli Qorti "l-iskuzi" tar-rikorrent ghan-nuqqas t'assenza tieghu fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2012, dan b'ebda mod ma jiggustifika l-pretensjonjiet tieghu fil-kaz odjern ghar-ragunijiet segwenti:

Illi bir-rispett kollu lejn ir-rikorrent, fl-ewwel lok jekk fil-granet ta' qabel is-smigh l-appell huwa seta' kellu xi diffikulta biex fizikament jirrikorri ghand l-avukat, huwa kellu xorta l-opportunita li jikkomunika mieghu b'mezzi ohra fosthom bit-teIefon.

Illi jekk nhar il-23 la' Mejju 2012 ir-rikorrent kien fil-bini lal-Qorti huwa kien tenut (specjaIment jekk kif qed ighid hu kellu problema biex jintraccja lill-avukat bit-teIefon) li jfittex l-assistenza tal-istaff tal-Qorti kemm biex jiggwidawh dwar f'liema AwIa ried jattendi u jekk ikun il-kaz anke sabiex jghinuh jasal saI-AwIa.

Illi ghall-esponent hija ferm difficli li jaghti kredibilita lir-rikorrent li apparentement hela tant hin jipprova jcempel lill-Avukat minflok indenja ruhu jaghmel ftit passi fl-entratura stess tal-bini tal-Qorti biex jistaqsi l-assistenza tar-Reception desk jew l-iskrin tal-Qorti biex ikun jaf f'liema Awla kellu jattendi. Wara kollox l-ewwel obligu li

jkun prezenti ghas-smigh tal-appell skont l-artikolu 422(1) kien tieghu u mhux tal-Avukat.

Illi inoltre, li r-rikorrent ikompli jghid li fid-dokumenti li rcieva d-dar huwa ma kellux indikat min hu l-Imhallef li qieghed jippresjedi l-appell tieghu aktar u aktar ikompli juri l-htiega li jekk huwa kellu dan id-dubju huwa kellu mmedjatament jitlob kjarifika u ghajnuna minghand l-istaff tal-Qorti li zgur kienu facilment jindikawlu li l-inizjali DS hdejn in-numru tal-Appell fl-Avviz ta' Smigh kienu jirreferu ghall-Imhallef David Scicluna u minn hemm setghu jindikawlu Awla fejn kien qed jippresjedi f'dik il-gurnata.

Illi jekk allegatament ir-rikorrent haseb li kien hemm xi zball u minghajr ma staqsa xejn lil hadd qabad u telaq id-dar, dan zgur huwa nuqqas tieghu u mhux tal-ligi!

Illi l-esponent ikompli jpoggi l-kredibilita ta' din il-verzjoni tar-rikorrent aktar fid-dubju tenut kont tal-fatt li huwa ghandu diversi kawzi pendenti quddiem il-Qrati u ghalhekk huwa tenut li huwa ben konsapevoli tal-bini tal-Qorti u tal-proceduri quddiemha.

Illi pero aktar minn hekk in-nuqqasijiet lampanti tar-rikorrent ippersistew anke wara t-23 ta' Mejju 2012. Fil-fatt evidentement ghal granet shah ir-rikorrent lanqas biss indenja ruhu jaghmel follow up ta' x'gara jew x'suppost kellu jigri waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju.

Infatti mhux talli ma ntavola ebda rikors entro t-terminu ta' erbat ijiem stipulati mill-ligi talli kemm fir-rikors promotur tieghu fil-proceduri odjerni u lanqas fir-rikors tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma ghamel almenu tentattiv biex jiggustifika dan in-nuqqas. Anzi fir-rikors li pprezenta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ammetta li l-ewwel darba li rrealizza li s-sentenza kontra tieghu kienet giet konfermata kien fil-5 ta' Gunju 2012 u addirittura ha jumejn ohra ta' xoghol biex pprezenta r-rikors – sittax-il jum wara d-data tas-smigh tal-appell.

Illi dan l-agir ma jista' qatt jitqies li huwa mputabbli lil xi nuqqas fil-ligi.

Illi jigi ulterjorment eccepit li c-cirkostanzi tal-fatti kif graw fil-kaz Raymond Caruana vs Avukat Generali kwotat mir-rikorrent huma differenti minn dawk tal-kaz odjern. Pero huwa nteressanti dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali f'dak il-kaz:

"Meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddecidiet favorevolment l-Appell tal-Avukat Generali <u>minghajr ma halliet jghaddi l-perjodu ta' erbat ijiem skont l-Artikolu 422 tal-Kodici Kriminali r-rikorrent gie minghajr ebda possibilita' reali li jinghata verament id-dritt u l-opportunita' li jitratta l-appell tieghu</u>." (Sottolinear tal-esponent)

Illi ghalhekk f'dak il-kaz il-Qorti sabet lezjoni ta' drittijiet fundamentali fil-kuntest biss tal-fatt li r-rikorrent kien gie svestit mil-fakulta li jsemma' lehnu fil-perjodu ta' erbat ijiem koncessi mill-ligi, fakulta li kienet dejjem disponibbli ghar-rikorrent odjern pero kien biss nuqqas tieghu li juzaha u ghalhekk iz-zewg kazijiet ma jistghux jigu mqeghda f'keffa wahda.

Illi finalment jigi eccepit li l-principju tal-audi alteram partem ma jissarrafx fi dritt bla limitu li appellant jista' jippretendi li meta jrid u meta jiftillu jitlob lill-Qorti biex terga' tirriappuntalu s-smigh tal-appell kif sar fil-kaz odjern.

Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat;

Rat li r-rikors kostituzzjonali thalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qed jallega illi l-artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali jilledilu d-dritt tas-smigh xieraq skond l-artikolu 6

tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi tali artikolu jaghti lok ghal cirkostanzi fejn l-appell ta' individwu jigi dikajrat desert bla ma jinghata l-fakolta li jressaq is-sottomissjonijiet tieghu biex jiggustifika n-nuqqas tieghu u kwindi jmur kontra l-pirncipju tal-audi alteram pactem.

L-artikolu in kwistjoni cioe 422(1) tal-Kap. 9 ighid hekk:
Jekk, f'jum tas-smigħ tal-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tiegħu jingħadd deżert u s-sentenza appellata tiġi esegwita; imma fuq rikors tal-appellant, ippreżentat fi żmien erbat ijiem mill-ġurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni maħlufa mill-istess appellant quddiem ir-reġistratur li, minħabba mard jew għal raġuni oħra indipendenti mill-volontà tiegħu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-ġurnata fuq imsemmija, il-qorti tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell, u, f'dan il-każ, igħoddu d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan.

**Fatti**

Il-fatti ppruvati li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Ir-rikorrenti kein intavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kontra sentenza ta' prigunerija imposta fuqu. Dan l-appell gie appuntat ghad-9 ta' Mejju 2012 pero billi r-rikorrenti ma kienx notifikat bl-avviz tas-smigh, l-appell gie differit ghat-23 ta' Mejju. Mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti gie notifikat fil-15 ta' Mejju 2012.

Fit-23 ta' Mejju 2012, l-appell issejjah u r-rikorrenti ma dehrx u skond l-artikolu 421 tal-Kap. 9, l-appell tieghu waqa' desert.

Ir-rikorrenti fir-rikors datat 8 ta' Gunju 2012 ghar-riappuntament tal-appell a bazi tal-artikolu 421(1) tal-Kap. 9 ipprezenta dikjarazzjoni guramentata fejn qal li hu kien mar il-Qorti fil-gurnata tal-appuntament pero ma kienx jaf l-isem tal-Imhallef li ma kinitx tidher fuq il-karta li rceva. Qabel din id-data ma marx ikellem lil avukat tieghu. Zied li kellu problem ta' mobilita minhabba operazzjoni li ghamel sena qabel u kien ikun mugugh hafna. Hu serrah rasu li

ser jara lill-avukat fil-Qorti izda ma sehhx u ma qabdux bit-telephone avolja pprova jcempillu. Hu baqa' jistenna sal-12.30pm pero ma setax joqghod idur minhabba problem ta' mobilita. Haseb li kellu data hazina u billi kien mugugh u ma kienx jaf min kien l-Imhallef, mar id-dar. Sar jaf b'dak li sehh il-Qorti meta gie nfurmat fil-5 ta' Gunju li s-sentenza tieghu kienet gie konfermata.

Din id-dikjarazzjoni tikkontrasta max-xiehda tar-rikorrenti quddiem il-Qorti fis-seduta tal-10 ta' April 2013. Hu jibda billi jghid li ma rceviex karta tal-appell, u illi l-Qorti ma setax jitla' ghax ma setax jimxi u kieku kellu l-appell u kien jaf kien jipprezenta certifikat mediku. Sar jaf bis-sentenza tal-Qorti ghax cempillu l-ispettur u qallu ser jarrestah ghax tilef il-kawza. Cempel lil avukat mhux hafna granet wara biex jara x'ser jaghmillu u l-avukat qallu lil ser jaghmel rikors pero dan ma sarx mill-ewwel ghax lanqas kien Malta izda Ghawdex jew band'ohra. Ir-rikors ma giex milqugh ghax gie pprezentat xi gurnata tard. Wara saret il-kawza kostituzzjonali.

**Konsiderazzjonijiet**

Ir-rikorrenti qed jilmenta li ma kellux smigh xieraq ghax il-principju tal-audi alteram partem gie lez meta l-Qorti ppronuncjat l-appell tar-rikorrenti bhala desert.

Qari tar-rikors ta' Anthony Bezzina u l-fatti li rrizultaw ma jindikawx precizament fejn sehhet din il-lezjoni. Ir-rikorrenti jsostni li l-artikolu 422(1) hu lesiv tad-dritt tieghu ta' smigh xieraq. Dan l-artikolu jiddisponi illi fejn appellant ma jidhirx l-appell tieghu jitqies abbandunat. Ovvjament din il-parti tal-artikolu mhix applikabbli jekk l-appellant ma giex notifikat bid-data u hin tal-appell. F'dan il-kaz l-appellant gie notifikat personalment bl-avviz tas-smigh tal-appell bid-data u hin tal-appell. Ir-rikorrenti jsostni li ma kienx jaf isem l-Imhallef u fil-fatt l-avviz tas-smigh ma fihx l-isem shih izda l-inizjali tal-Imhallef. Pero dan ma hu ta' ebda ostakolu ghall-access ghall-awla tal-Qorti billi l-istess appellant seta' staqsa r-reception desk kif tidhol fil-Qorti jew ra fuq l-iscreens tal-Qorti fejn hi l-awla tal-appelli kriminali.

Pero dak li jikkonfondi lil Qorti hu illi r-rikorrenti jaghti verzjoni wahda fid-dikjarazzjoni guramentata u ohra differenti quddiem il-Qorti. Id-diskrepanzi serji principali huma li fir-rikors promotur ighid li rceva l-avviz tas-smigh u li mar il-Qorti filwaqt li quddiem il-Qorti jixhed li ma rceviex avviz tas-smigh u ma marx il-Qorti.

Il-principji legali ma jigux applikati fl-astratt tant biex jigi enuncjat il-principju izda jrid ikun relatat, u konness ma' fatt mhux disputat li jaghti lok ghal lezjoni tad-dritt, f'dan il-kaz wiehed ta' dritt fondamentali. Il-fatt car u univoku li jaghti lok ghal lezjoni jrid jigi pruvat mill-persuna li qed tallega l-lezjoni bhala l-bazi tal-azzjoni. F'dan il-kaz l-istess rikorrenti sa mill-bidu tal-prova li jrid jaghmel jikkontraduci lilu nnifsu.

Pero dan mhux kollox. Il-Qorti tqis bhala inverosimili l-verzjoni tar-rikorrenti quddiem il-Qorti peress illi irrizulta ppruvat illi hu rceva l-avviz tas-smigh mid-dokument AG4 u AG5 a fol. 18 u 19 tal-process. Kwindi l-Qorti tqis aktar verosimili l-fatti kif riportati fid-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti annessa mar-rikors promotur milli x-xiehda kemmxejn konfuza moghtija mir-rikorrenti quddiem il-Qorti.

Il-ligi taghti lok ghal smigh xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali billi kull parti jkollha l-opportunita li tinstema', kif l-avviz tas-smigh kien jindika. Sta ghal kull parti specjalment l-appellant li jinforma lill-avukat tieghu bid-data u hin tal-appell. Pero aktar minn hekk, l-obbligu jaqa' fuq l-appellant li jattendi quddiem il-Qorti ghas-seduta fid-data u hin indikati. Hemm rimedji jekk ikun indispost, rimedji li ma ttiehdux qabel is-seduta billi l-appellant fil-proceduri kriminali mar il-Qorti. Ir-rikorrenti kellu tmint ijiem bejn in-notifika tal-avviz tas-smigh u d-data tal-appell biex jinforma lill-avukat tieghu pero ex admissis, dan ma ghamlux minghajr ma offra spjegazzjoni jew skuzanti ghal dan. Ma jistax ghalhekk ir-rikorrenti jitfa' n-nuqqas tieghu fuq xi nuqqas fl-avviz bhal fatt li isem l-Imhallef ma kienx car. Kieku ikkuntattja lill-avukat kif kellu ampja opportunita li jaghmel, ma kienx ikun fil-pozizzjoni

deskritta minnu li ma jafx f'liema awla kellu jirrikorri. Din hi skuza u agir negligent da parti ta' persuna li gia kienet il-Qorti, jekk xejn in konnessjoni mal-istess akkuza u ghalhekk seta' kieku ried, anki bla assistenza tal-avukat, isaqsi lir-reception desk f'liema awla kellu jmur. Daqstant iehor mhix skuzanti li kien mugugh u ma setax joqghod idur ifittex lill-avukat fil-Qorti meta kieku ried u jekk kien daqshekk indispost seta' ha l-izbriga li jcempel lil avukat fl-intervall bejn in-notifika tal-avviz tas-smigh u d-data tal-appell u jinfurmah li kien indispost u l-avukat jipprezenta r-rikors opportun bid-dokumenti medici rilevanti. Pero anki hawn ir-rikorrenti ma ghamel xejn u lanqas f'din l-istanza ma gew prezentati xi certifikati medici dwar l-istat ta-sahha tieghu f'dak il-waqt, peress illi quddiem din il-Qorti r-rikorrenti ma wera ebda inkapacita ta' mobilita.

Anki jekk ghal grazzja tal-argument wiehed kellu jinsa x'sehh sad-data tad-dezerzjoni, hu inaccettabbli li r-rikorrenti li jaf li kellu data u hin ta' appell (ghax in-notifika tas-smigh tal-appell ma gietx michuda f'dawn il-proceduri) li ma attendiex ghalih jitratta s-sitwazzjoni b'leggerezza u ighid li ma ghamel xejn wara li telaq mill-Qorti sakemm il-pulizija informatu li l-appell mar desert, u dan meta skond hu fil-5 ta' Gunju 2012 il-pulizija ezekuttiva informatu b'dan.

Din twassal ghal kwistjoni odjerna. Il-ligi taghti l-opportunita lill-appellant li anki jekk l-appell imur desert, jinghata l-opportunita li jiggustifika ruhu entro erbat ijiem biex l-appell jerga' jissejjah. Ir-rikorrenti qed jattakka din il-parti tal-artikolu u donnu qed isostni li t-terminu ta' erbat ijiem moghtija mill-ligi biex persuna tirrattifika sitwazzjoni kontriha fiha nfisha tmur kontra d-dritt fondamentali tieghu ta' smigh xieraq. Dan ma jaghmilx sens. Il-ligi stess tipprotegi lill-individwu kolpit b'dezerzjoni li jiggustifika ruhu. Il-Qorti ma tara ebda lezjoni anzi protezzjoni tal-individwu. Il-ligi pero ma tistax tippremja in non kuranza, in-negligenza, u l-inerzja ta' persuna li avzata b'data ta' smigh ma tiehux dawk il-passi kollha biex tidher quddiem il-Qorti u f'kaz li ghandha raguni valida biex ma tattendix tinforma lil avukat taghha biex jidderigiha.

Qatt ma jista' jkollok cahda ta' dritt meta l-ligi taghtik hi stess l-ghodda sabiex tfittex 'redress' effikaci, prattiku, u li jpoggi lill-individwu fl-istess pozizzjoni li kien qabel ma sehh il-fatt li seta' kien ingustifikat fil-konfront tieghu. Zgur li r-rikorrenti mhux jippretendi li ghandu dritt ma jattendix ghal seduta tal-Qorti u imbaghad jiggustifika ruhu ghan-nuqqas meta jrid hu. L-iskop tal-ligi hu li jkun hemm konformita u kjarezza fir-regoli ta' procedura u li hadd kemm mill-awtoritajiet u kemm minn dawk kolpiti minnhom ma jabbuzawx jew juzaw diskrezzjoni li tista' ssarraf f'ingustizzja li twassal ghal ksur ta' xi dritt fondamentali tal-individwu.

F'dan il-kaz l-attidudni leggera tar-rikorrenti fil-mod kif hares l-interessi tieghu ma tistax issib rimedju billi jipprova iwaqqa' l-ligi li del resto fiha nfisha tipproteggih f'dak li jghid l-artikolu 422(1).

Lanqas jista' jinghad illi z-zmien moghti lil persuna li tutilizza r-rikors biex l-appell jitqieghed mill-gdid ghas-smigh ai termini tal-artikolu 422(1) hu irragonevoli jew jilledi d-dritt tal-persuna ghal smigh xieraq. It-terminu ta' erbat ijiem hu zmien utili bizzejjed biex persuna tressaq it-talba taghha quddiem il-Qorti a bazi ta' dak l-artikolu u b'hekk jigi evitat li d-decizjoni kontrih issir res judicata. Il-ligi stess ghalhekk tipprovdi salvagwardja adegwata biex il-parti jkollha l-opportunita li tinstema' quddiem il-Qorti jekk ghal xi raguni mhux maghruf ghal Qorti fid-data tas-smigh tal-appell, din il-parti tkun naqset li tattendi. F'dan il-kaz partikolari ma kien hemm xejn li jzomm lir-rikorrenti milli juzufruixxi ruhu minn dan it-terminu u n-nuqqas tieghu li jiehu kwalsiasi azzjoni wara d-data notifikata lilu tas-smigh tal-appell hi attribwibbli biss ghall-inerzja inskuzabbli tieghu u mhux ghad-dritt moghti lilu mill-ligi li ma gharafx jutilizza. It-terminu fih innifsu jikkostitwixxi rimedju tangibbli bi procedura accessibbli u applikabbli fi zmien li ma jistax jitqies qasir li johnoq ir-rimedju. Ir-rikorrenti kif inghad lanqas jispjega kif dan l-artikolu tal-ligi u senjatament liema parti tieghu jilledi d-dritt tieghu ghal smigh xieraq billi l-artikolu hu salvagwardja intiza ghal tali protezzjoni fl-interess tieghu stess. Wara kollox il-garanzija tal-artikolu 6 huma intizi ghal dritt ta' access

effettiv ghal Qorti u equality of arms u illi d-drittijiet bazici 6(3) ma jidhrix li gewmittiefsa b'dan il-provvediment tal-ligi kriminali. Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Muscat vs Malta**, deciza fis-17 ta' Lulju 2012 fejn il-principji li jirregolaw ligijiet ta' procedura gew ezaminati partikolarment fil-paragrafi 42 sa 45 tal-istess sentenza u li din il-Qorti jidhirlha li huma applikabbli ghal dan il-kaz u jikkonfermaw il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti li jwassluha ghad-decizjoni taghha.

**Decide**

Ghalhekk ghar-ragunijiet moghtija l-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti ma gietx pruvata u qed tichad dan ir-rikors. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------